MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2005

Numru 584/2005

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR RAMON MERCIECA**

**VS**

**CHRISTIAN FALZON**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christian Falzon ta' 18-il sena, imwieled in-Naxxar nhar id-9 ta' Settembru, 1986, bin Michael u Mary nee' Galea, residenti fil-fond numru 61, Sun Flower, Triq Santa Marija, Naxxar, detentur tal-karta tal-identita' numru 409386 (M) ;

Akkuzat talli matul l-ahhar granet ta' Dicembru, 2004 u l-bidu ta' Jannar, 2005, wara l-inzul tax-xemx gewwa n-Naxxar, b'xi mod li jkun, xjentement, ghen jew assista lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun gie ppreparat

jew ikkunsmat u cioe' serq li huwa kkwlifikat bil-hin u bil-mezz, u dan bi ksur tal-Artikolu 42(d), 261(b)(f), 263 u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer, xjentement xtara jew laqa' ghandu oggetti gejjin minn serq aggravat bil-mezz u bil-hin, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan isir Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod iehor li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom, u cioe' zewg speakers u s-somma ta' ghaxar liri maltin (Lm10.00) u dan bi ksur tal-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri tal-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien jikkonsidra l-istess;

Rat il-fedina penali netta tal-imputat;

Rat li l-imputat ikkopera bis-shih mal-pulizija fl-investigazzjonijiet taghha;

Rat li t-tieni akkuza bhala alternattiva ghall-ewwel, u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ikkunsidrat:

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat Christian Falzon hati tal-ewwel akkuza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni akkuza, u tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------